

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

L-aġġornament tad-dejta użata biex jiġu kkalkolati s-somma f'daqqa u l-pagamenti ta' penali li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedimenti ta' ksur

(2017/C 431/02)

I. INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE⁽¹⁾ (issa l-Artikolu 260(1) u (2) TFUE) stabbiliet il-bażi li fuqha l-Kummissjoni tikkalkula l-ammont tas-sanzjonijiet finanzjarji (ħlasijiet ta' somma f'daqqa jew inkella ta' penali) li hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tapplika meta tressaq każ quddiem il-Qorti skont l-Artikolu 260(2) TFUE, fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ksur kontra Stat Membru.

F'Komunikazzjoni sussegwenti tal-2010⁽²⁾ dwar l-aġġornament tad-dejta użata għal dan il-kalkolu, il-Kummissjoni stabbiliet li din id-dejta makroekonomika tkun suġġetta għal reviżjoni kull sena, biex tqis l-andament tal-inflazzjoni u tal-PDG.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2011 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE⁽³⁾ u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2017 "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"⁽⁴⁾ jenfasizzaw li l-istess metodu kif stabbilit permezz tal-Komunikazzjoni tal-2005 japplika għall-kalkolu tas-sanzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tapplika skont l-Artikolu 260(3) TFUE.

L-aġġornament ta' kull sena pprovdut f'din il-Komunikazzjoni huwa bbażat fuq l-iżviluppi fl-inflazzjoni u fil-PDG ta' kull Stat Membru⁽⁵⁾. Ir-rata rilevanti tal-inflazzjoni u l-istatistiċi tal-PDG li għandhom jintużaw huma daww stabbiliti sentejn qabel l-aġġornament ("ir-regola t-2"), billi l-perjodu minimu meħtieġ għall-ġbir ta' dejta makroekonomika relattivament stabbli huwa ta' sentejn. Din il-Komunikazzjoni hija għalhekk ibbażata fuq id-dejta ekonomika għall-PDG nominali u d-deflatur tal-PDG għall-2015⁽⁶⁾ u fuq il-ponderazzjoni attwali tad-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri fil-Kunsill.

II. L-ELEMENTI TAL-AĠĠORNAMENT

Il-lista ta' kriterji ekonomiċi li għandhom jiġu riveduti hija kif ġej:

— l-ammont standard b'rata fissa għall-pagament ta' penali⁽⁷⁾, li bħalissa huwa stabbilit għal EUR 680 kuljum, li għandu jiġi rivedut skont l-inflazzjoni;

⁽¹⁾ SEG(2005) 1658 (ĠU C 126, 7.6.2007, p. 15).

⁽²⁾ SEG(2010) 923/3. Din il-Komunikazzjoni ġiet aġġornata fl-2011 (SEC(2011) 1024 final), fl-2012 (C(2012) 6106 final), fl-2013 (C(2013) 8101 final) u fl-2014 (C(2014) 6767 final), fl-2015 (C(2015)5511 final) u fl-2016 (C(2016)5091 final) għall-adattament ta' kull sena tad-dejta ekonomika.

⁽³⁾ ĠU C 12 ta' 15.1.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 18 ta' 19.1.2017, p. 10.

⁽⁵⁾ Skont ir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Komunikazzjonijiet tal-2005 u tal-2010.

⁽⁶⁾ Id-deflatur tal-prezz tal-PDG jintuża bħala kejl tal-inflazzjoni. L-ammonti uniformi għall-ħlasijiet ta' somma f'daqqa u ta' penali huma aġġustati għall-eqreb multiplu ta' għaxra. Is-somom f'daqqa minimi huma aġġustati għall-eqreb elf. Il-fattur "n" huwa aġġustat sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.

⁽⁷⁾ L-ammont b'rata fissa standard jew uniformi għall-pagamenti ta' penali ta' kuljum huwa definit bħala l-ammont bażiku fiss li għalih jiġu applikati ċerti koeffiċjenti tal-korrezzjoni multiplikaturi. Il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni huma l-koeffiċjenti tal-gravità u d-dewmien tal-ksur, u l-fattur speċjali "n" li jikkorrispondi għall-Istat Membru kkonċernat li għandhom jiġu applikati għall-kalkolu ta' pagament ta' penali ta' kuljum.

- l-ammont standard b'rata fissa għall-ħlas ta' somma f'daqqa, ⁽¹⁾ li bħalissa huwa ta' EUR 230 kuljum, li għandu jiġi rivedut skont l-inflazzjoni;
- il-fattur speċjali "n" ⁽²⁾, li għandu jiġi rivedut f'konformità mal-PDG tal-Istat Membru inkwistjoni wara li jitqies l-għadd tad-drittijiet tal-vot li dan ikollu fil-Kunsill; il-fattur "n" huwa identiku għall-kalkolu tal-ħlasijiet ta' somma f'daqqa u ta' penali għal kull ġurnata;
- il-ħlasijiet minimi ta' somma f'daqqa ⁽³⁾, li għandhom jiġu riveduti f'konformità mal-inflazzjoni.

III. AĠĠORNAMENTI

Il-Kummissjoni se tapplika ċ-ċifri aġġornati segwenti biex tikkalkula l-ammont tas-sanzjonijiet finanzjarji (ħlasijiet ta' somma f'daqqa jew inkella ta' penali) meta tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260(2) u (3) TFUE:

- (1) l-ammont standard b'rata fissa għall-kalkolu tal-pagament ta' penali huwa stabbilit għal EUR 700 kuljum,
- (2) ir-rata fissa standard għall-ħlas ta' somma f'daqqa hija stabbilita għal EUR 230 kuljum.
- (3) Il-fattur speċjali "n" u s-somma f'daqqa minima għat-28 Stat Membru tal-UE huma stabbiliti kif ġej:

Stat Membru	fattur speċjali "n"	Somom f'daqqa minimi (EUR 1 000)
Il-Belġju	4,85	2 799
Il-Bulgarija	1,47	848
Ir-Repubblika Ċeka	3,09	1 783
Id-Danimarka	3,01	1 737
Il-Ġermanja	20,50	11 832
L-Estonja	0,62	358
L-Irlanda	2,92	1 685
Il-Greċja	3,17	1 830
Spanja	11,78	6 799
Franza	17,43	10 060
Il-Kroazja	1,21	698
L-Italja	15,10	8 715
Ċipru	0,58	335
Il-Latvja	0,68	392

⁽¹⁾ L-ammont b'rata fissa jrid jiġi applikat meta tiġi kkalkolata s-somma f'daqqa. Fir-rigward tal-Artikolu 260(2) TFUE, is-somma f'daqqa tirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' ammont ta' kuljum (li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-ammont standard b'rata fissa għall-ħlasijiet ta' somom f'daqqa bil-koeffiċjenti tal-gravità u r-riżultat ta' dan il-kalkolu jiġi mmultiplikat bil-fattur speċjali "n") bin-numru ta' jiem għal kemm il-ksur idum għaddej bejn id-data tal-ewwel sentenza u d-data li fiha jintemm il-ksur jew id-data ta' meta tingħata s-sentenza skont l-Artikolu 260(2) TFUE. Fir-rigward tal-Artikolu 260(3) TFUE, skont il-punt 28 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Implementation of Article 260(3) of the Treaty" (SEC (2010)1371 final; ĠU C 12, 15.1.2011, p. 1), is-somma f'daqqa tirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' ammont ta' kuljum (li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-ammont standard b'rata fissa għall-ħlasijiet ta' somma f'daqqa bil-koeffiċjenti tal-gravità u r-riżultat ta' dan il-kalkolu jiġi mmultiplikat bil-fattur speċjali "n") bin-numru ta' jiem mill-għada tal-iskadenza għat-traspożizzjoni stabbilita fid-Direttiva sa dakinhar li jintemm il-ksur jew sad-data tal-ewwel sentenza skont l-Artikoli 258 u 260(3) TFUE. Meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi hawn fuq jaqbeż is-somma f'daqqa minima, għandha tapplika s-somma f'daqqa kkalkolata abbażi tal-ammont ta' kuljum.

⁽²⁾ Il-fattur speċjali "n" iqs il-kapaċità tal-Istati Membri li jħallsu (il-prodott domestiku gross (PDG)) u n-numru ta' voti li jkollhom fil-Kunsill.

⁽³⁾ Il-ħlas tas-somma f'daqqa fissa minima huwa ddeterminat għal kull Stat Membru skont il-fattur speċjali "n". Is-somma f'daqqa fissa minima se tiġi proposta lill-Qorti meta t-total tal-ħlasijiet tas-somma f'daqqa ta' kuljum ma jaqbiż is-somma sħiħa f'daqqa minima.

Stat Membru	fattur speċjali "n"	Somom f'daqqa minimi (EUR 1 000)
Il-Litwanja	1,12	646
Il-Lussemburgu	1,00	577
L-Ungerija	2,51	1 449
Malta	0,36	208
In-Netherlands	6,48	3 740
L-Awstrija	4,03	2 326
Il-Polonja	7,45	4 300
Il-Portugall	3,21	1 853
Ir-Rumanija	3,27	1 887
Is-Slovenja	0,86	496
Is-Slovakkja	1,62	935
Il-Finlandja	2,65	1 529
L-Iżvezja	4,62	2 666
Ir-Renju Unit	18,90	10 908

- (4) Il-Kummissjoni se tapplika ċ-ċifri aġġornati għad-deċiżjonijiet li tieħu biex tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260 TFUE b'seħħ mill-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni.